SAN LAWRENZ

Il-Minuti tad-disa' laqgħa tas-sitt Kunsill li saret nhar il-Tlieta 18 ta' Settembru 2012 fil-5:30 ta' filghaxija fl-Ufficju tal-Kunsill.

*Preżenti:*

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Vici Sindku:* | Anthony Cassar |
| *Kunsilliera:* | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba.

2.0 Inqraw il-minuti u gew approvati

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-email minghand ir-resident Mario Mizzi li joqghod fi Triq it-Torri fejn ilmenta fuq l-hangers tal-iskart li hemm mar-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li bhalma ghamel f'siti ohra, din il-hanger ghandha titnehha

3.2 Giet trattata l-ittra minghand is-Sur Noel Formosa fejn propona li bhala Kunsill u parrocca ghandhom ifakkru lil hutna mejtin Lawrenzjani li kien u vittmi tat-tieni gwerra dinjija fl- okkazzjoni tas-70 anniversarju mill-mewt taghhom billi ssir quddiesa fi Triq ir-Rokon u terga titpogga l-gebla li kienet insterqet biex tfakkar dan l-avveniment. Il-Kunsill qabel ma din il- proposta u qabel li ghandu jafda din l-organizazzjoni ta' din l-attivita' f'idejn il-parrocca u jekk ikun hemm xi spejjes zghar rigward it-tpoggija tal-gebla ghandhom jithallsu mill-Kunsill.

3.3 Giet trattata l-ittra minghand il-kunsill Lokali Kercem rigward it-talba taghhom ghal bdil ta' konfini. Minn naha taghhom qed jitolbu l-parti kollha minn fuq ir-rih tad-Dwejra u lil Kunsill San Lawrenz jaghtuh il-Mixta. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta u gie deciz li l-konfini ghandhom jibqghu kif inhuma.

## 4.0 Xiri ta' Ufficju tal-Kunsill

4.1 Is-Sindku rrefera ghal fatt li huwa flimkien mas-Segretarja marru ghand il-Perit u kkonferma li ma ghandhiex tkun problema li jinfetah bieb ghat-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jikkuntatja lil Perit u jqassam it-tqassim tal-appartament skond l-ezigenzi tal-Kunsill u d-decizzjoni terga titressaq quddiem il-Kunsill.

## 5.0 Il-progett tal-pjazza

5.1 Is-Sindku rrefera ghall-progett tal-pjazza u ghall-fatt li x-xoghol fuq il-culvert wasal fit-tmiem tieghu..Huwa semma li l-perit jintieg survey tal-livelli li jsir minn surveyor. Wara stima li ksibna minghand surveyor dan ix-xoghol jiswa 370euro. Il-Kunsill approva din l-istima. Il-vici Sindku Anthony Cassar gibed l-attenzjoni li fit-8 ta' Novembru hemm xi tieg u mportanti li l- pjazza ma tkunx maqlugha. Is-Sindku semma li sadanittant hemm xi zewg tigijiet ohra u ser naghmlu l-almu kollu biex il-kuntrattur izomm kemm jista jkun nadif peress li x-xoghol ma jistax jieqaf minhabba d-deadlines li jinhtieg li jigu milhuqa.

## 6.0 Il-progett tal-isqaqien

6.1 Is-Sindku rrefera ghall-progett tal-isqaqien u habbar li ma kienx hemm appell ghall-offerti u li ser jibdew ix-xogholijiet minn Triq Wied Merill.

## 7.0 Approvazzjoni tar-rapport tal-Evaluation Committee rigward it0tender tal-hitan tas-sejjieh fi Triq Wied Merill.

7.1 Il-Kunsill irrefera ghar-rapport sottomess mill-Evaluation Committee ghat-tender tar-restawr ta' hitan fi Triq Wied Merill. Il- Kunsill qabel mar-rakkomondazzjoni tal-bord li l-ghazla taqa fuq l-aktar offerta vantagjuza li hija wkoll technically u administratively compliant. Sar qbil li ghandha tintbghat il-letter of award u jekk ma jidhol l-ebda appell ghandu jigi ffirmat il-kuntratt mieghu.

## 8.0 Approvazzjoni tar-rapport tal-interview tal-Marketing Expert tal-Progett PANACEA

8.1 Is-Segretarja prezentat ir-rapport ikkommisjonat mill-Interviewing Board li kien kompost mis-Sinjorini Marija Attard u Karen Cacciattolo mill-Universita ta' Malta u mis-Segretarja Lucienne Haber bhala rapprezentanta tal-Kunsill. L-interview sar lil Marita Portelli u Nadia Pace bhala shortlisted u l-ghazla waqghet fuq Nadia Pace bhala l-aktar kwalifikata u bl-esperjenza.

## 9.0 Wara z-zjara f'Colle Umberto – Vizzjoni tal-gemmellagg

9.1 Is-sindku rrefera ghaz-zjara li kellu u ghal-laqghat li kellu mal-kunsill u t-talba li saret mill-Associazione del Gemellaggio di Colle Umbero sabiex ahna wkoll nwaqqfu assocjazzjoni li tkun indipendenti mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u gie deciz li ghandna nikkuntatjaw lill-istess membri li kienu jiffurmaw parti mill-Kumitat tal-Gemellagg u wkoll nohorgu avviz sabiex jekk hemm xi hadd li jixtieq li jinghaqad maghhom ghandu javzana. Sar qbil li l-ghazla tac-chairperson ghandha tithalla f'idejn l-istess membri.

9.2 Sadanittant is-Sindku propona fuq talba ta' xi uhud sabiex jigi organizzat tour ghal Colle Umberto f'jannar possibilment bejn it-2 u s-6 ta' Jannar. Wara kalkoli li ghamilna jirrizulta li l-ispiza tigi mal-500 kull persuna. Sar qbil ghalhekk li ghandna nohorgu l-avviz biex inhabbru din is-safra u naraw x'konkorrenza jkun hemm.

## 10.0 Htiega tar-radam fil-parti mill-ghalqa tal-iskola

10.1 Is-sindku rrefera ghal problema li ghandu s-Sur Frans Cassar ta' Triq id-Duluri, dik li t-trab tal-ghalqa tieghu jmurlu kollu gol-ghalqa tal-iskola mal-ewwel xita li taghmel. Is-Sindku rrefera ghat-talba sabiex tintradam il-hofra li hemm hdejn il-ground tal-iskola u ghal fatt li jinhtieg mepa permit sabiex isir dan. Huwa semma li mhux ser jerfa r-responsabilita' ta' hsara fil-gonna tal-girien u lanqas ghal fatt li jista jaqa xi tifel go fiha izda ser jitfa l-problema f'idejn id-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Giet diskussa wkoll il-possibilita li din il-hofra tinbena f'Centru Civiku izda s-Sindku semma li l-ispejjes sakemm titla fil-wicc huma kbar hafna u li xorta tibqa l-problema li l-Kunsill mhux accessibli mit-triq.

## 11.0 Il-progett tal-underground bring-in-sites

11.1 Is-Sindku rrefera ghall-progett tal-underground bring-in-sites u ghall-fatt li x-xoghol tal-kostruzzjoni nbeda u kellu jieqaf peress li ma ntefghux offerti ghas-supply tal-bins u l-equipment taghhom. Il-Kunsill issa qed jistharreg mal-Wasterserve biex jara jekk hux lest li jaghmilhom minn naha tieghu u jekk ikollna risposta negattiva nghattu l-hofra temporanjament sakemm terga tohrog l-offerta u jsiru.

## 12.0 Harga ghall-anzjani

12.1 Wasal iz-zmien li norganizzaw harga ohra ghall-anzjani.Il-Kunsill qabel li ghandna norganizzawlhom harga ohra f'Ghawdex u nistharrgu wkoll dwar il-harga ghall-Malta. Sar qbil li ghandna niccekkjaw bhala gurnata fuq xi cruise-liner fil-Port il-Kbir jew gurnata fuq il-Hop-on Hop-off.

**13.0 Twaqqif ta' kumitati ghall-evalwazzjoni tat-tenders tad-dwal tal-pjazza u ghat-tender tal- interpretation panel tal-progett PANACEA**

13.1 Il-Kunsill qabel li bhala bord tal-Evalwazzjoni ghal dawn iz-zewg offerti teknici ghandna nqabbdu lill-Inginier Mario Galea, lil Jonathan Micallef u Josef Micallef u jekk ma jistax xi hadd minnhom nikkuntatjaw lil George Micallef. Bhala Chairperson joqghod Kevin Sciberras.

13.2 Saret referenza ghall-fatt li ghall-offerta tal-generator tal-Interpretation Centre ma tefaghha hadd u ser ikollha terga tohrog flimkien ma xiri ta' airconditioner.

**14.0 Xiri ta' outdoor camera**

14.1 Sar qbil li ghandna nigbru quotations ta' outdoor camera sabiex titpogga fl-area ta' quddiem il-bring-in-sites b'tali mod li tkun taqbad ukoll lil Playing Field.

**15.0 Attivitajiet fid-Dwejra**

15.1 Saret referenza ghall-attivitajiet li jsiru fid-Dwejra fosthom ikliet u tigijiet. Wara diskussjoni qasira dwar jekk dawn ghandhomx isiru fil-post ezistenti jew le, sar qbil li d-diskussjoni ghandha terga titqajjem f'laqghat ohra peress li dawn l-attivitajiet l-aktar li jsiru huma fis-sajf.

**16.0 Materji Ohra**

16.1 Il-Vici Sindku Anthony Cassar talab sabiex jitnaddaf l-isqaqien ta' Pawluzzu.

16.2 Saret referenza ghat-tigdid tal-kuntratt tal-gbir tal-iskar. Ser tinhareg offerta wahda flimkien mal-rhula tal-Gharb u l-Ghasri. Bhala granet tal-gbir ser jibqghu l-istess hlief li l-Hamis flok ma jingabar l-iskart domestiku ser jibda jingabar il-hgieg, b'hekk il-granet tal-gbir kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa jigu l-istess.

16.3 Il-Vici Sindku talab sabiex issir laqgha mal-Kunsill tal-Gharb sabiex titranga t-triq bejn San Lawrenz u gl-Gharb li taqbad minn Sqaq Pawluzzu biex b'hekk ikun hemm triq alterjuri f'kaz ta' bzonn specjalment waqt il-manutenzjoni tat-triq San Lawrenz.

16.4 Il-Kunsillier John Mercieca reggha tenna t-talba tieghu dwar il-htiega tar-resurfacing tal-passagg fi Triq il-Wileg. Is-Segretarja rreferiet li l-applikazzjoni tal-passaggi that fondi tal-Unjoni Ewropea ghadha pendenti pero sar qbil li sadanitant is-Sindku ghandu jkellem lil Toni Debono tal-CMU forsi jsir minn naha tieghu.

16.5 Saret referenza ghaz-zewg xogholijiet pendenti li ghandna ma Gatt Construction Ltd. Sar qbil li ghandna nikkuntatjawhom sabiex isir ix-xoghol u jekk dan ma jsirx fi zmien ghaxart ijiem ghandha taqa l-kwotazzjoni u terga tinhareg offerta.

16.6 Il-kunsillier John Mercieca staqsa x'ser jigri mis-central strip ta' hdejn il-knisja issa li giet imkissra minhabba x-xogholijiet. Is-Sindku semma li l-kuntrattur Joe Grima offra lil kunsill li jaghmilha b'xejn peress li gab xi materjal gdid u jixtieq juzah fil-lokal.

16.7 Is-Sindku rrefera ghal fatt li l-haddiem tal-ETC Joseph Portelli ma ghadux impjegat maghna peress li sab xoghol iehor part-time u ghal fatt li l-kunsill ghandu loads kbar ta' xoghol, huwa propona li meta s-Sur Portelli jkun off, jintalab sabiex jigi jaghmel xi sighat ta' xoghol fil-Kunsill peress li huwa jaf sewwa x-xoghol klerikali. Il-kunsill qabel ma dan u sar qbil li ghandu jithallas bir-rata ta' 5euros fis-siegha.

16.8.1 Sar qbil li ghandna nikkuntatjaw lil Perit Alex Bigeni biex naraw kif nistghu naghmlu xi tip ta' manutenzjoni lit-tarag li jwassal ghall-port biex issir manutenzjoni tieghu.

## 17.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

17.1Is-Segretarja prezentat l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-pagament gew approvati.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija.

*Anthony Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Ezekuttiv*